MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Numru 1243/2009

Il-Pulizija
(Spettur James Grech)

vs

Joseph Galea
Cheverell Zahra

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati detenturi ta’ karta ta’ identita’ numru 420789M u 471290M rispettivament, akkuzati talli nhar it-22 ta’ Novembru ghal habta tat-0300hrs gewwa Atrium Car Park, Valletta Waterfront, Triq il-Vittmi Furjanizi tal-Gwerra, Floriana:

1. bil-hsieb li jaghmlu delitt ta’ offiza gravi fuq il-persuna ta’ Ernest Spiteri, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-

volonta' taghhom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 41(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunaw diversi offizi fuq il-persuna ta' Ernest Spiteri, liema offizi jitqiesu li huma hfief skond ma' Dr. Ian Psaila M.D. u dan bi ksur ta' l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kissru l-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. hebbew kontra Ernest Spiteri sabiex jingurjawh, idejquh u/jew jaghmlulu hsara u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. fl-istess zmien u cirkostanzi ingurja u/jew hedded lil Ernest Spiteri u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni huma insistew anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidraw:

L-akkuzi jittrattaw l-attentat ta' ferita gravi, il-feriti hfief u offizi kontravenzjonali. Il-Qorti mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni u tipprovdi ghas-sigurta' tal-parti leza.

Illi mid-dokumenti in atti jirrizulta li l-akkuzi nhargu kontra l-imputati odjerni konsegwenza ta' glieda li sehhet il-Waterfront fl-liema hemm l-imputati u l-parti leza taw u qalghu.

L-imputati f'din l-ewwel udjenza irregistraw ammissjoni li hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Rat l-Artikoli 41(a), 221, 338(dd), 339(1)(d)(e), 17 tal-kap 9 u tiddeciedi li tikkundannahom sena prigunerija sospiza ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Ma jirrizultax u lanqas l-Prosekuzzjoni ma nsistiet biex jigu applikati l-Artikolu 412C u 382 et seq tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabbilitajiet taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------